**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 1**

Is-Sibt, 7 ta' Mejju 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fil-10.55 a.m.

**PREŻENTI**

Il-Ministri u l-Membri kollha kienu preżenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-Talba.

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Proklama Numru III tal-2022 datata 27 ta' April 2022 li tlaqqa' l-Erbatax-il Parlament; ir-riżultat tal-Elezzjoni Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2022, l-ismijiet tal-Membri eletti fis-26 ta' Marzu 2022 biex jimtlew il-postijiet addizzjonali ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet u għall-finijiet tal-proviso ta' Artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ir-riżultati tal-Elezzjonijiet Każwali li nżammu fis-7 u fit-12 ta' April 2022 biex jimtlew il-postijiet battala mħollija minn dawk il-Membri li telgħu minn żewġ distretti elettorali, u l-ismijiet tal-Membri eletti fit-12 ta' April 2022 biex jimtlew il-postijiet addizzjonali ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 52A(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-Iskrivan tal-Kamra informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra, is-seduta kienet se tiġi trasmessa live mill-Public Broadcasting Services (PBS), b'kull stazzjon tat-televiżjoni jew internet service provider, jingħata feed mill-PBS mill-bidu tas-seduta sakemm jintemm id-diskors tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li d-Dipartment tal-Informazzjoni kellu l-permess li jiġbed ritratti minn ġewwa l-Kamra waqt il-ġurament tal-Ispeaker, waqt li l-Onorevoli Membri jkunu qegħdin jieħdu l-ġurament, u mad-dħul tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta fil-Kamra, filwaqt li l-bqija tal-media kellha l-opportunità li tiġbed ritratti u filmati fil-bidu tad-Diskors tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta.

**ELEZZJONI TAL-ONOREVOLI SPEAKER**

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, ippropona lil Dott. Anġlu Farrugia bħala Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet.

Fil-11.14 a.m. il-Kamra kienet sospiża sakemm il-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Iskrivan tal-Kamra jwasslu lill-Ispeaker sas-Sedja.

Fil-11.19 a.m. is-Seduta rriżumiet.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ħa u ffirma l-Ġurament ta' Lealtà quddiem il-Kamra.

L-Ispeaker irringrazzja lill-Kamra.

**ELEZZJONI TA' DEPUTY SPEAKER**

Il-Prim Ministru ppropona lill-Onor. David Agius bħala Deputy Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Id-Deputy Speaker irringrazzja lill-Kamra.

**ĠURAMENT TA' LEALTÀ**

Il-Membri ħadu u ffirmaw il-Ġurament ta' Lealtà quddiem il-Kamra f'din l-ordni:

L-Onor.

Robert Abela, Prim Ministru
Bernard Grech, Kap tal-Oppożizzjoni
Chris Fearne, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa
Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali
Ian Borg, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ
Michael Falzon, Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal
Anton Refalo, Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali
Roderick Galdes, Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli
Silvio Schembri, Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet
Julia Farrugia Portelli, Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur
Aaron Farrugia, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali
Clint Camilleri, Ministru għal Għawdex
Byron Camilleri, Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza
Clayton Bartolo, Ministru għat-Turiżmu
Miriam Dalli, Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża
Clyde Caruana, Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol
Clifton Grima, Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni
Stefan Zrinzo Azzopardi, Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar
Jonathan Attard, Ministru għall-Ġustizzja
Jo Etienne Abela, Ministru għall-Anzjanità Attiva
Andy Ellul, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali
Alison Zerafa Civelli, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Alicia Bugeja Said, Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali
Chris Bonett, Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej
Rebecca Buttigieg, Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza
Keith Azzopardi Tanti, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

David Agius, Deputy Speaker
Carmelo Abela
Ray Abela
Chris Agius
Malcolm Paul Agius Galea
Karol Aquilina
Robert Arrigo
Graziella Attard Previ
Charles Azzopardi
Romilda Baldacchino Zarb
Ivan Bartolo
Ivan J Bartolo
Glenn Bedingfield
Graham Bencini
Toni Bezzina
Bernice Bonello
Alex Borg
Eve Borg Bonello
Claudette Buttigieg
Naomi Cachia
Ryan Callus
Abigail Camilleri
Darren Carabott
Jerome Caruana Cilia
Ivan Castillo
Janice Chetcuti
Rebekah Cilia
Robert Cutajar
Rosianne Cutajar
Katya De Giovanni
Mario de Marco
Deo Debattista
Adrian Delia
Michael Farrugia
Omar Farrugia
Beppe Fenech Adami
Cressida Galea
Graziella Galea
Joe Giglio
Carmelo Mifsud Bonnici
Paula Mifsud Bonnici
Alex Muscat
Chris Said
Mark Anthony Sammut
Davina Sammut Hili
Justin Schembri
Stephen Spiteri
Amanda Spiteri Grech
Ian Vassallo
Julie Zahra
Stanley Zammit
Edward Zammit Lewis

**PERMESS TAL-KAMRA**

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, talab il-permess tal-Kamra sabiex iressaq mozzjoni ta' co-option mingħajr avviż.

Il-permess ingħata.

**MOZZJONI TA' *CO-OPTION* TA' MEMBRU PARLAMENTARI**

Il-Prim Ministru ppropona:

Billi hu meħtieġ li jimtela l-post vakat mill-Onor. Clifton Grima fuq id-Disa' Distrett Elettorali liema post baqa' battal in segwitu għall-elezzjonijiet każwali li nhar is-7 ta' April 2022;

Billi dan il-post għandu jimtela skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 22 tar-Regolamenti tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali fit-Taqsima III tat-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354;

Il-Kamra tirriżolvi li Dr Randolph De Battista jiġi magħżul biex jimla l-imsemmi post battal fid-Disa' Distrett Elettorali tal-Kamra tad-Deputati.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ĠURAMENT TA' LEALTÀ TA' MEMBRU ĠDID**

L-Onor. Randolph De Battista ħa u ffirma l-Ġurament ta' Lealtà minn idejn l-Ispeaker skont l-Artikolu 68 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 1 | Proklama Nru I tal-2022 datata 20 ta' Frar 2022 li xoljiet it-Tlettax-il Parlament; |
| P.L. 2 | Proklama Nru III tal-2022 datata 27 ta' April 2022 li laqqgħet l-Erbatax-il Parlament; |
| P.L. 3 | Ir-riżultat tal-Elezzjoni Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2022; |
| P.L. 4 | Ir-riżultat tal-Elezzjoni Każwali tas-7 ta' April 2022; |
| P.L. 5 | Ir-riżultat tal-Elezzjoni Każwali tat-12 ta' April 2022; |
| P.L. 6 | Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-votazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali dwar il-mili ta' postijiet addizzjonali ta' Membri Parlamentari skont id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u |

P.L. 7 Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-votazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali dwar il-mili ta' postijiet addizzjonali ta' Membri Parlamentari skont id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 52A(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-Prim Ministru għarraf lill-Kamra li l-President ta' Malta kien se jiddikjara fil-Kamra stess ir-raġunijiet li għalihom ġie mlaqqa' l-Erbatax-il Parlament.

F'12.27 p.m. is-seduta kienet sospiża u rriżumiet fis-12.56 p.m. meta l-Eċċellenza Tiegħu George Vella, President ta' Malta, daħal fil-Kamra tad-Deputati biex jagħmel id-diskors tiegħu.

Kopja tad-diskors tal-President ta' Malta tqassmet lill-Onorevoli Membri.

Fis-1.33 p.m. il-President ta' Malta temm id-diskors tiegħu. Is-seduta kienet sospiża sakemm l-Ispeaker akkumpanja lill-President ta' Malta barra mill-Kamra, u s-seduta rriżumiet fis-1.37 p.m.

**MOZZJONIJIET**

**MOZZJONI GĦALL-INDIRIZZ TAL-PRESIDENT TA' MALTA BI TWEĠIBA GĦAD-DISKORS TAL-EĊĊELLENZA TIEGĦU L-PRESIDENT TA' MALTA**

L-Onor. Cressida Galea tat avviż u ressqet din il-mozzjoni:

Sur President,

Aħna Membri tal-Kamra tad-Deputati, nirringrazzjawk, kif huwa d-dmir tagħna, għad-diskors li għoġbok ġentilment tagħmel lill-Kamra tad-Deputati fil-Ftuħ tal-Erbatax-il Parlament.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, talab il-permess tal-Kamra sabiex jitressqu sitt mozzjonijiet mingħajr avviż.

Il-permess ingħata.

**5. ĦIN TAL-MISTOQSIJIET**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ppropona:

Illi minkejja kull provvediment ieħor li hemm fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, il-mistoqsijiet li jidhru fuq l-aġenda ta' seduta jistgħu jsiru sa żmien nofs siegħa mill-ħin li fih tkun imsejħa biex tibda s-seduta.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 6. ASSENZA INEVITABBLI TAL-ONOREVOLI SPEAKER JEW TAL-PRESIDENT TAL-KUMITATI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ppropona:

Illi matul din il-Leġiżlatura:

(a) fil-każ tal-assenza inevitabbli tal-Ispeaker, min dak iż-żmien ikun Deputy Speaker jassumi l-kariga ta' Speaker bil-poteri u d-doveri kollha li jappartjenu għall-Uffiċċju ta' Speaker; u

(b) fil-każ tal-assenza inevitabbli tal-President tal-Kumitati, il-Viċi President tal-Kumitati jassumi l-kariga ta' President tal-Kumitati bil-poteri u d-doveri kollha li jappartjenu għall-Uffiċċju tal-President tal-Kumitati.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 7. IL-MINUTI U L-AĠENDA JSIRU BIL-MALTI BISS

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ppropona:

Illi matul din il-Leġiżlatura, minkejja l-Ordni Permanenti 171 u kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti:

(a) il-Minuti tal-Proċeduri tal-Kamra; u
(b) l-Aġenda tas-Seduti tal-Kamra,

ikunu jistgħu jsiru bil-Malti biss.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 8. SOSPENSJONI TAL-ORDNI PERMANENTI 173

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ppropona:

Illi matul din il-Leġiżlatura l-Ordni Permanenti 173 ikun sospiż; u

Illi sakemm iddum din is-sospensjoni l-Ispeaker huwa awtorizzat li sa fejn jidhirlu possibbli jkun jista' jagħmel arranġamenti biex ikunu jistgħu jittieħdu d-dibattiti u d-diskussjonijiet kollha tal-Kamra tad-Deputati, u sa fejn id-dibattiti u d-diskussjonijiet jittieħdu skont dawn l-arranġamenti għandhom jikkostitwixxu l-ġurnali tal-Kamra tad-Deputati.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**9. SOSPENSJONI TA' PARTI MILL-ORDNIJIET PERMANENTI NRI 25 U 107**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ppropona:

Illi matul din il-Leġiżlatura l-Ordni Permanenti 25 - "L-istess mozzjoni ma tistax terġa' tiġi proposta fl-istess sessjoni" - u l-Ordni Permanenti 107 - "L-istess Abbozz ta' Liġi ma għandux jitressaq darbtejn fl-istess sessjoni" - huma sospiżi, flimkien ma' kull provvediment ieħor tal-Ordnijiet Permanenti li jmur kontra din is-sospensjoni.

L-Onor. Ray Abela ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**10. ĦATRA TAL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, ippropona:

Illi l-Kamra tad-Deputati,

Wara li rat l-Ordni Permanenti 120A(i) taħtar il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, li skont l-Ordni Permanenti 120C(5) ikun presedut mill-Ispeaker u skont l-Ordni Permanenti 120C(3) ikun kompost minn dawn il-Membri:

l-Onor. Chris Fearne - Kap tal-Kamra,
l-Onor. Byron Camilleri,
l-Onor. Andy Ellul,
l-Onor. David Agius, u
l-Onor. Robert Cutajar.

B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-Membri msemmija kif provdut fl-Ordni Permanenti 120C(4).

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza talab il-permess tal-Kamra sabiex iressaq erba' mozzjonijiet tal-Ewwel Qari mingħajr avviż.

Il-permess ingħata.

**11. ABBOZZ TA' LIĠI BIEX JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, Kap. 420".

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 12. ABBOZZ TA' LIĠI BIEX JEMENDA L-ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217".

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 13. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291".

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 14. ABBOZZ TA' LIĠI BIEX JEMENDA L-ATT DWAR IL-CONDOMINIA

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi imsejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar il-Condominia, Kap. 398".

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## FTEHIM TAL-KAMRA

Il-Whip tal-Gvern, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, informa lill-Kamra li ntlaħaq ftehim li sakemm il-Kamra ma tiddeċidix mod ieħor, limitatament għar-rigward tal-ħin li fih se tiltaqa' l-Kamra, kif ukoll dwar it-tul tad-diskorsi, se jkunu qed jiġu applikati l-provvedimenti kontenuti fil-mozzjoni ta' proċedura li kienet in vigore fl-aħħar leġiżlatura.

Huwa informa wkoll li peress li skont il-provvedimenti tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, nhar it-Tnejn u t-Tlieta mhux se jkun hemm mistoqsijiet parlamentari fuq l-Aġenda, intlaħaq qbil li l-Kamra se tkun qed tgħaddi mill-ewwel għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma dan il-ftehim.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-1.44 p.m. id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ppropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 9 ta' Mejju 2022 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Indirizz b'risposta għad-diskors tal-President ta' Malta.

Fis-1.45 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornat għat-Tnejn, 9 ta' Mejju 2022 fl-4.00 p.m. b'aġenda kif komunikata mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**